**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka:* it-trade mark verbali "ARGENTARIA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1 sa 42 — Trade mark Komunitarja Nru 159 707

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* tiddikjara l-proċedimenti ta' kanċellazzjoni magħluqa wara l-waqfien tas-servizzi kkontestati mill-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud bħala inammissibbli

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 51(1)(a) u 80 tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2013 — Urb Rulmenti Suceava vs UASI — Adiguzel (URB)

**(Kawża T-506/13)**

(2013/C 352/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Urb Rulmenti Suceava SA (Suceava, ir-Rumanija) (rappreżentant: I. Burdusel, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Harun Adiguzel (Diosd, l-Ungerija)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-12 ta' Lulju 2013, fil-Każ R 1309/2012-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż; u

— tikkundanna lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż sostnuti matul il-proċedimenti quddiem l-UASI.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "URB" għal prodotti fil-klassijiet 6 u 7 — Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 7 380 009

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* raġunijiet assoluti ta' invalidità taħt l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 u raġunijiet relattivi ta' invalidità taħt l-Artikolu 8(1)(b) flimkien mal-Artikolu 53(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 52(1)(b), 53(1)(a) u 73 tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2013 — Il-Gvern tal-Malasja vs UASI — Vergamini (HALAL MALAYSIA)

**(Kawża T-508/13)**

(2013/C 352/33)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Gvern tal-Malasja (Putrajaya, il-Malasja) (rappreżentanti: R. Volterra, Solicitor, R. Miller, Barrister, V. von Bomhard u T. Heitmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Paola Vergamini (Castelnuovo di Garfagnana, l-Italja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Ġunju 2013 mogħtija fil-Każ R 326/2012-1; u

— tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell, jekk tingħaqad bħala intervenjenti, għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li fiha l-elementi verbali "HALAL MALAYSIA" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 18, 25, 29, 30, 31, 32 u 43 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 9 169 343

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrent

*Trade mark jew sinjal invokat fl-oppożizzjoni:* it-trade mark figurattiva mhux irreġistrata li fiha l-elementi verbali "HALAL MALAYSIA", li hija magħrufa sew fis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja flimkien mal-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u għall-fini tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, trade mark figurattiva mhux irreġistrata fir-Renju Unit

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013 — AgriCapital vs UASI — agri.capital (AGRI.CAPITAL)**

**(Kawża T-514/13)**

(2013/C 352/34)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* AgriCapital Corp. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Meyer u M. Gramsch, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* agri.capital GmbH (Münster, il-Ġermanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-10 ta' Lulju 2013 mogħtija fil-Każ R 2236/2012-2;

— tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż tagħhom u għal dawk sostnuti mir-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "AGRI.CAPITAL" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 4, 7, 35, 36, 37, 39, 40, 42 u 45 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 341 323

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark Komunitarja verbali "AgriCapital" irreġistrata bin-Nru 6 192 322 għal servizzi fil-klassi 36 u t-trade mark Komunitarja verbali "AGRICAPITAL" irreġistrata bin-Nru 4 589 339 għal servizzi fil-klassi 36.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizjoni miċħuda fit-totalità tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja.